KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SZPUNAR
ippreżentati fis-7 ta' April 2022 [1]

Kawża C-163/21

AD *et*
vs
PACCAR Inc,
DAF TRUCKS NV,
DAF Trucks Deutschland GmbH

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Juzgado de lo Mercantil nº 7 de Barcelona (il-Qorti Kummerċjali Nru 7 ta' Barcelona, Spanja)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni fid-dritt nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea – Ftehimiet kolluživi dwar l-iffissar tal-prezzijiet u ż-żieda tal-prezzijiet gross tat-trakkijiet fiż-Żona Ekonomika Ewropea – Ħolqien *ex novo* tal-provi rilevanti li jippermettu li jiġi kkwantifikati ż-żieda artifiċjali tal-prezzijiet u d-danni subiti"

I. Introduzzjoni

1. Id-Direttiva 2014/104/UE [2] hija intiża sabiex tarmonizza, b'mod partikolari, ir-regoli fil-qasam tal-produzzjoni tal-provi fil-kuntest tal-implimentazzjoni, fuq l-inizjattiva tal-isfera privata ("private enforcement"), tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, il-kapaċità tal-partijiet fi proċeduri dwar azzjoni għad-danni li jeżerċitaw b'mod effettiv id-drittijiet tagħhom tista' tiddependi mill-possibbiltà ta' aċċess għal provi rilevanti. Madankollu, jista' jiġri li l-parti li jkollha l-oneru tal-prova ma jkollhiex fil-pussess tagħha dawn il-provi jew ma jkollhiex aċċess faċli għalihom [3].

2. Jista' jirriżulta wkoll li l-kontroparti lanqas ma jkollha fil-pussess tagħha provi rilevanti minħabba l-fatt li tali provi jkunu għadhom ma jeżistux. Sabiex tkun tista' tissodisfa talba għal produzzjoni ta' tali provi, din il-parti għandha toħloqhom *ex novo*, billi tgħaqqad flimkien jew billi tikklassifika informazzjoni, għarfien jew data fil-pussess tagħha.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Direttiva 2014/104/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2014, L 349, p. 1).

[3] Ara l-punt 9 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-qrati nazzjonali fi proċedimenti għall-infurzar privat tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE (2020/C 242/01) (ĠU 2020, C 242, p. 1).

3. Dan huwa l-kuntest ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, li joffri lill-Qorti tal-Ġustizzja l-okkażjoni li tiċċara l-punt dwar jekk, fid-dawl tad-Direttiva 2014/104, parti fil-proċedura tistax titlob li jiġi ordnat lill-kontroparti tipproduċi provi li din għandha toħloq *ex novo*.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

4. L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/104 jipprovdi dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fi proċedimenti relatati ma' azzjoni għal danni fl-Unjoni fuq talba ta' attur li jkun ippreżenta ġustifikazzjoni raġunata li tkun tinkludi fatti u evidenza [provi] disponibbli b'mod raġonevoli sufiċjenti biex isostnu l-plawżibbiltà tal-pretensjoni tiegħu għad-danni, il-qrati nazzjonali jkunu jistgħu jordnaw lill-konvenut jew lil parti terza biex jiddivulgaw evidenza rilevanti li huma jkunu jikkontrollaw, soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan il-Kapitolu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati nazzjonali jkunu jistgħu, fuq talba tal-konvenut, jordnaw lill-attur jew lil parti terza biex jiddivulgaw l-evidenza rilevanti.

[…]"

B. Id-dritt Spanjol

5. Id-Direttiva 2014/104 ġiet trasposta fid-dritt Spanjol permezz tar-Real Decreto-ley 9/2017, por el que se transponen Directivas de la Unión Europea en los ámbitos financiero, mercantil y sanitario, y sobre el desplazamiento de trabajadores (id-Digriet-Liġi Irjali 9/2017, li Jittrasponi d-Direttivi tal-Unjoni Ewropea fil-Qasam Finanzjarju, Dak tal-Kummerċ u Dak tas-Saħħa kif ukoll dwar iċ-Ċaqliq tal-Ħaddiema), tas-26 ta' Mejju 2017 (BOE nº 126, tas-27 ta' Mejju 2017).

III. Il-fatti u l-proċedura fil-kawża prinċipali

6. Fid-19 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni Ewropea adottat id-Deċiżjoni C(2016) 4673 final li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 [TFUE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Il-Każ AT.39824 – Trakkijiet) (ĠU 2017, C 108, p. 6, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tad-19 ta' Lulju 2016"). Il-konvenuti fil-kawża prinċipali, il-kumpanniji PACCAR Inc, DAF TRUCKS NV u DAF Trucks Deutschland GmbH kienu fost id-destinatarji ta' din id-deċiżjoni.

7. Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni ddikjarat l-eżistenza ta' akkordju li fih ipparteċipaw ħmistax-il kostruttur internazzjonali ta' trakkijiet, fir-rigward ta' żewġ kategoriji ta' prodotti, jiġifieri t-trakkijiet ta' bejn 6 u 16-il tunnellata u dawk ta' iktar minn 16-il tunnellata, kemm dawk tat-tagħbija kif ukoll dawk tal-irmonk.

8. Minkejja li dan ma ġiex speċifikat mill-qorti tar-rinviju, mid-deċiżjoni tad-19 ta' Lulju 2016 jirriżulta li, fir-rigward tal-konvenuti fil-kawża prinċipali, il-ksur tal-Artikolu 101 TFUE ġie stabbilit għall-perijodu ta' bejn is-17 ta' Jannar 1997 u t-18 ta' Jannar 2011.

9. Fil-25 ta' Marzu 2019, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, AD *et*, peress li kienu kienu xtraw trakkijiet li jistgħu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-ksur li kien is-suġġett tad-deċiżjoni tad-19 ta' Lulju 2016, talbu, skont l-Artikolu 283a tal-Ley de Enjuiciamiento Civil (il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), aċċess għall-provi fil-pussess tal-konvenuti fil-kawża prinċipali. F'dan ir-rigward, huma sostnew il-bżonn li jiksbu ċerti mezzi ta' prova sabiex jikkwantifikaw iż-żieda artifiċjali fil-prezzijiet, b'mod partikolari sabiex iwettqu l-paragun tal-prezzijiet irrakkomandati qabel, matul u wara l-perijodu tal-akkordju. It-talba tagħhom tirrigwarda b'mod iktar preċiż l-aċċess, l-ewwel, għal-lista ta' mudelli mmanifatturati matul il-perijodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 1990 u t-30 ta' Ġunju 2018, ikklassifikati skont is-sena u skont ċerti karatteristiċi, it-tieni, għall-prezz kif il-prodott joħroġ mill-fabbrika ("ex-factory") (prezzijiet gross) għal kull mudell li jidher fuq din il-lista u, it-tielet, għat-"total delivery cost" għal dawn il-mudelli.

10. Il-konvenuti fil-kawża prinċipali kkontestaw din it-talba billi sostnew, b'mod partikolari, li ċerti dokumenti mitluba kienu jeħtieġu li jitħejjew *ad hoc*.

11. Waqt smigħ dwar jekk huwiex xieraq li ssir domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, il-konvenuti fil-kawża prinċipali indikaw li t-talbiet għal produzzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/104 ma jistgħux jiġu estiżi għall-provi li ma kinux jeżistu diġà. Konsegwentement, it-tħejjija ta' provi ma tistax tintalab skont din id-dispożizzjoni, fid-dawl tal-fatt li, skont il-prinċipji ta' neċessità, ta' proporzjonalità u tal-inqas spejjeż possibbli, dan jista' jqiegħed fuq il-konvenut oneru eċċessiv, li jmur lil hinn minn dak li tista' tippreżupponi s-sempliċi produzzjoni ta' dokumenti. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, min-naħa tagħhom, jiddefendu interpretazzjoni kuntrarja ta' din id-dispożizzjoni.

IV. It-talba għal deċiżjoni preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

12. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Juzgado de lo Mercantil nº 7 de Barcelona (il-Qorti Kummerċjali Nru 7 ta' Barcelona, Spanja), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Frar 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Marzu 2021, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 5(1) tad-[Direttiva 2014/104] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-produzzjoni ta' provi rilevanti tagħmel riferiment biss għad-dokumenti diġà eżistenti fil-pussess ta' konvenut jew ta' terz li jeżistu diġà jew jekk, għall-kuntrarju, l-Artikolu 5(1) jinkludi wkoll il-possibbiltà ta' produzzjoni ta' dokumenti li l-parti li lilha hija indirizzata t-talba għal informazzjoni jkollha toħloq *ex novo*, billi tgħaqqad jew tikklassifika informazzjoni, għarfien jew data li huma fil-pussess tagħha?"

13. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-partijiet fil-kawża prinċipali, mill-Gvern Spanjol u mill-Gvern Olandiż kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Ma nżammitx seduta.

V. Analiżi

14. Permezz tad-domanda preliminari unika tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/104 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-produzzjoni ta' provi rilevanti tirreferi biss għad-dokumenti fil-pussess tal-konvenut jew ta' terz li diġà jeżistu jew jekk, għall-kuntrarju, din id-dispożizzjoni tinkludix ukoll il-possibbiltà ta' produzzjoni ta' dokumenti li l-parti li lilha hija indirizzata t-talba għal informazzjoni għandha toħloq *ex novo*, billi tgħaqqad jew tikklassifika informazzjoni, għarfien jew data fil-pussess tagħha.

15. Qabel ma ngħaddi għall-eżami ta' din id-domanda, għandha tiġi eżaminata, qabel kollox, l-ammissibbiltà ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari u, sussegwentement, l-applikabbiltà tad-Direttiva 2014/104 għall-proċedura fil-kawża prinċipali.

A. Fuq l-ammissibbiltà

16. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jqisu li t-talba għal deċiżjoni preliminari għandha tiġi kkunsidrata bħala inammissibbli. Fil-fatt, fil-fehma tagħhom, din it-talba tikkonċerna s-sitwazzjoni ipotetika fejn l-awtur tal-ksur għandu jipproċedi għat-tħejjija ta' dokumenti *ex novo*. Madankollu, f'dan il-każ, tali tħejjija ma hijiex neċessarja sabiex tiġi ssodisfatta t-talba għal produzzjoni ta' provi inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

17. Mingħajr ma jikkontestaw l-ammissibbiltà ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari, il-konvenuti fil-kawża prinċipali jindikaw li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2004/48/KE [4] jippermetti li tiġi ordnata l-produzzjoni ta' provi li jinsabu taħt il-kontroll tal-parti opposta. Huma jfakkru li, skont il-Kummissjoni, din id-dispożizzjoni tista' tobbliga lil parti twettaq riċerka tal-provi fi ħdan l-organizzazzjoni tagħha, inkluż fi ħdan l-entitajiet ġuridiċi distinti li huma taħt il-kontroll tagħha [5]. Skont il-konvenuti fil-kawża prinċipali, l-istess japplika f'dak li jirrigwarda d-Direttiva 2014/104. Madankollu, huma jsostnu li, sabiex jissodisfaw it-talba tagħhom imressqa quddiem il-qorti tar-rinviju, huma ma għandhomx joħolqu prova dokumentali li ma teżistix iżda joħolqu informazzjoni *ex novo*.

18. Għandu jiġi osservat, fir-rigward ta' dawn iż-żewġ argumenti, li huwa minnu li l-qorti tar-rinviju sempliċement tiddikjara li t-talba għal produzzjoni tal-provi f'dan il-każ tirrigwarda dokumenti li, kif intalbu, *jistgħu* jkunu għadhom ma jeżistux u jeħtieġu xogħol ta' tħejjija.

19. Madankollu, għandu jitfakkar li d-domandi li jirrigwardaw id-dritt tal-Unjoni jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza u li l-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta li tiddeċiedi.

20. Barra minn hekk, fil-kuntest ta' proċedura msemmija fl-Artikolu 267 TFUE, peress li hija biss il-qorti tar-rinviju li għandha ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti tat-tilwima mressqa quddiemha, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha bħala prinċipju tillimita l-eżami tagħha għall-elementi ta' evalwazzjoni li l-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tissottomettilha u b'hekk tillimita ruħha għas-sitwazzjoni li dik il-qorti tqis bħala stabbilita, u ma tistax tkun marbuta b'ipoteżijiet espressi minn waħda mill-partijiet fil-kawża prinċipali [6].

21. Minn dan isegwi li din id-domanda preliminari hija ammissibbli.

[4] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32).

[5] Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea [COM(2013) 404 final].

[6] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-2 ta' April 2020, Coty Germany (C-567/18, EU:C:2020:267, punt 22).

B. Fuq l-applikabbiltà tad-Direttiva 2014/104

22. Il-kwistjoni tal-applikabbiltà tad-Direttiva 2014/104 fil-kawża prinċipali ma tidhirx li tqajjem dubji għall-qorti tar-rinviju u ma hijiex is-suġġett ta' dibattitu bejn il-persuni kkonċernati fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu ser neżamina din il-kwistjoni sa fejn, fid-dawl ta' ċerti ambigwitajiet fir-rigward taċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, jeżisti dubju dwar l-applikabbiltà ta' din id-direttiva *ratione materiae* u *ratione temporis* f'din il-kawża.

1. Fuq l-applikabbiltà tad-Direttiva 2014/04 ratione materiae

a) Espożizzjoni tal-problema

23. Il-qorti tar-rinviju tindika li t-talba għal produzzjoni ta' provi tressqet skont l-Artikolu 283a tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, wara d-deċiżjoni tad-19 ta' Lulju 2016.

24. F'dan ir-rigward, għandi nosserva li, skont ċerti kummentaturi, talba għal produzzjoni ta' provi magħmula skont l-Artikolu 283a tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili tista' titressaq ukoll qabel il-bidu ta' azzjoni fuq il-mertu [7]. F'dan il-każ, il-parti li tkun għamlet din it-talba għandha tressaq azzjoni fuq il-mertu f'terminu ta' 20 jum [8].

25. Ma jirriżultax b'mod ċar minn dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari li t-talba għal produzzjoni ta' provi inkwistjoni fil-kawża prinċipali saret fil-kuntest ta' proċedura li fiha l-qorti tar-rinviju kienet diġà ġiet adita b'azzjoni għad-danni. Minn dan ir-rinviju jirriżulta biss li, insostenn ta' din it-talba, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali sostnew li l-kundizzjonijiet kollha neċessarji sabiex tiġi evalwata b'mod raġonevoli l-plawżibbiltà tal-azzjonijiet għad-danni previsti ("acciones de daños que se pretenden ejercitar") kienu ssodisfatti.

26. Mingħajr ma jsemmu b'mod espliċitu l-kwistjoni dwar jekk it-talba għal produzzjoni ta' provi inkwistjoni fil-kawża prinċipali saritx fil-kuntest ta' proċedura li fiha l-qorti tar-rinviju kienet diġà ġiet adita b'azzjoni għad-danni, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jindikaw li l-proċedura li wasslet għal din it-talba għal deċiżjoni preliminari hija proċedura ta' aċċess għas-sorsi tal-prova.

27. Għall-kuntrarju, il-Gvern Spanjol jindika li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali ressqu azzjoni għad-danni abbażi tad-deċiżjoni tad-19 ta' Lulju 2016. B'mod simili, il-Kummissjoni tindika li, fil-fehma tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/104 fil-kuntest ta' azzjoni għad-danni minħabba ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni. Fir-rigward tal-konvenuti fil-kawża prinċipali, huma jindikaw, b'mod inqas inekwivoku, li t-talba għal deċiżjoni preliminari tressqet fuq l-inizjattiva tal-isfera privata fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja ta' implimentazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni li toriġina mid-deċiżjoni tad-19 ta' Lulju 2016. Barra minn hekk, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, huma jirreferu għall-azzjoni għad-danni tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali ("l-azzjoni tagħhom").

[7] Ara Marcos, F., "Transposition of the Antitrust Damages Directive into Spanish Law", *Working Paper IE Law School, 2018, AJ8–241*, 2018, AJ8-241-I, p. 28. Skont din id-dispożizzjoni tad-dritt Spanjol u skont dan l-awtur, jidher li t-terminu huwa ta' 20 jum mid-data li fih tintlaqa' t-talba għal produzzjoni ta' provi.

[8] Skont l-Artikolu 283a(e), tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, fl-assenza tal-preżentata ta' azzjoni fuq il-mertu, il-qorti nazzjonali għandha tikkundanna *ex officio* lill-parti li talbet il-produzzjoni ta' provi għall-ispejjeż u tiddikjaraha responsabbli għad-danni li hija kkawżat lill-persuna li kontriha ttieħdu l-miżuri.

28. Anki jekk jittieħdu inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-persuni kkonċernati, il-kontenut ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari għalhekk ma jippermettix li jiġi stabbilit b'mod inekwivoku li t-talba għal produzzjoni tal-provi inkwistjoni fil-kawża prinċipali tressqet mhux qabel it-tressiq ta' talba għad-danni, iżda ma' tali talba jew warajha.

29. Issa, l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2014/104, intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni", jipprovdi, fil-paragrafu 2 tiegħu, li din id-direttiva tistabbilixxi, b'mod partikolari, l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni "f'azzjonijiet għad-danni quddiem il-qrati nazzjonali". B'mod simili, l-Artikolu 22(2) tal-imsemmija direttiva, li jikkonċerna l-applikazzjoni *ratione temporis* tad-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni differenti minn dawk li jittrasponu d-dispożizzjonijiet sostanzjali tal-istess direttiva, jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni *ratione temporis* tagħhom billi jirreferi għal data li fiha qorti nazzjonali tkun ġiet adita b'azzjoni għad-danni [9].

30. *A priori*, il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/104 ddefinit b'dan il-mod ma jidhirx li jkopri t-talbiet għal produzzjoni ta' provi mressqa qabel it-tressiq ta' talba għad-danni. Ċerti leġiżlaturi nazzjonali [10] kif ukoll ċerti awturi tad-duttrina [11] jidhru li jinterpretaw din id-direttiva f'dan is-sens. Skont din l-interpretazzjoni, l-Istati Membri jistgħu madankollu jintroduċu regoli dwar tali talbiet għal produzzjoni tal-provi. Fil-fatt, l-Artikolu 5(8) tal-imsemmija direttiva jawtorizza lill-Istati Membri jintroduċu, bla ħsara għall-Artikolu 5(4) u (7) u għall-Artikolu 6 tagħha, regoli li jwasslu għal produzzjoni iktar wiesgħa ta' provi.

31. Fid-dawl tad-dubji li jeżistu fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-qorti tar-rinviju diġà ġietx adita b'talba għad-danni, għandi nindirizza l-fondatezza tal-interpretazzjoni ppreżentata fil-punt preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet.

b) Evalwazzjoni

32. F'ċerti verżjonijiet lingwistiċi [12], il-formulazzjoni tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/104, li l-interpretazzjoni tiegħu hija mitluba mill-qorti tar-rinviju, hija inqas restrittiva u inqas kategorika minn dik tal-Artikolu 1(2) ta' din id-direttiva.

[9] Skont din id-dispożizzjoni, "[l]-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe miżuri nazzjonali adottati skont l-Artikolu 21, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, ma japplikawx għal azzjonijiet għal danni mressqa quddiem qorti qabel is-26 ta' Diċembru 2014".

[10] Ara Malinauskaite, J., Cauffman, C., "The Transposition of the Antitrust Damages Directive in the Small Member States of the EU – A Comparative Perspective", *Journal of European Competition Law & Practice*, 2018, Vol. 9, Nru 8, p. 501.

[11] Kirst, P., "The temporal scope of the damages directive: a comparative analysis of the applicability of the new rules on competition infringements in Europe", *European Competition Journal*, 2020, Vol. 16, Nru 1, p. 113, u Petr, M., "Czech Republic", Piszcz, A. (ed.), *Implementation of the EU Damages Directive in Central and Eastern European Countries, University of Warsaw Faculty of Management Press*, Warsaw, 2017, p. 98. Ara wkoll, f'dan is-sens, iżda b'mod inqas kategoriku, Rodger, B.J., Sousa Ferro, M., Marcos, F., "A Panacea for Competition Law Damages Actions in the EU? A Comparative View of the Implementation of the EU Antitrust Damages Directive in sixteen Member States", *Maastricht Journal of European and Comparative Law*, 2019, Vol. 26, Nru 4, p. 488 u 489.

[12] B'mod partikolari l-verżjonijiet tal-lingwa Franċiża u tal-lingwa Ingliża, li jindikaw li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun possibbli li titressaq talba għal produzzjoni ta' provi fil-"proċeduri *dwar* l-azzjonijiet għad-danni mressqa fl-Unjoni" ("procédures *relatives* aux actions en dommages et intérêts intentées dans l'Union") (enfasi miżjuda minni), filwaqt li l-verżjoni bil-lingwa Pollakka, b'mod partikolari, tirreferi għall-"proċedura ta' azzjoni għad-danni" ("w postępowaniu o odszkodowanie").

33. Bl-istess mod, il-kunċett ta' "prova" huwa ddefinit, fil-punt 13 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/104, billi jagħmel riferiment, f'ċerti verżjonijiet lingwistiċi[13], għall-mezzi kollha ta' prova ammissibbli "quddiem *il-qorti nazzjonali adita b'azzjoni*" u, f'verżjonijiet oħra[14], għal dawk ammissibbli "quddiem *il-qorti nazzjonali adita*", mingħajr ma jiġi speċifikat li din hija azzjoni għad-danni (enfasi miżjuda minni).

34. B'mod iktar importanti, ir-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li ma jirrestrinġix il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/104 għat-talbiet għal produzzjoni ta' provi mressqa b'azzjoni għad-danni jew wara l-preżentata tagħha tidher li hija riflessa fl-Artikolu 5(3) u fl-Artikolu 6(4)(b) ta' din id-direttiva.

35. L-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2014/104 jistabbilixxi, b'mod mhux eżawrjenti, kriterji applikabbli waqt l-eżami tal-proporzjonalità ta' talba għal produzzjoni ta' provi.

36. F'din il-loġika, l-Artikolu 6(4)(b) tad-Direttiva 2014/104, li jikkonċerna l-produzzjoni ta' provi li jinsabu fil-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni, jagħmel riferiment għall-Artikolu 5(3) ta' din id-direttiva u jispeċifika li meta l-qrati nazzjonali jevalwaw, konformement ma' din l-aħħar dispożizzjoni, il-proporzjonalità ta' ordni ta' produzzjoni ta' informazzjoni, huma għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-kwistjoni dwar jekk it-talba għal produzzjoni ta' informazzjoni titressaqx fil-kuntest ta' azzjoni għad-danni ppreżentata quddiem qorti nazzjonali.

37. F'din il-linja ta' ħsieb, il-premessa 22 tad-Direttiva 2014/104 tindika li, sabiex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tad-dritt għal kumpens, ma huwiex neċessarju li kull dokument relatat ma' proċeduri li jaqgħu taħt l-Artikoli 101 jew 102 TFUE jiġi kkomunikat lir-rikorrent sempliċement abbażi "tal-intenzjoni tal-attur għal azzjoni għad-danni", peress li huwa ferm improbabbli li l-azzjoni għad-danni tkun teħtieġ li tiġi bbażata fuq il-provi kollha fil-proċess relatat ma' dik il-proċedura. Bl-istess mod, il-premessa 27 ta' din id-direttiva tagħmel riferiment għall-"aċċess [tal-partijiet leżi] għall-evidenza [provi] li jeħtieġu sabiex iħejju l-azzjonijiet tagħhom għad-danni".

38. Mill-Artikolu 6(4)(b) tad-Direttiva 2014/104, moqri fid-dawl tal-premessi 22 u 27 tagħha, jirriżulta li ċerti provi relatati mal-proċeduri tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jistgħu jiġu kkomunikati lil rikorrent, wara t-talba tiegħu għall-produzzjoni ta' provi li jaqgħu taħt l-Artikolu 6 ta' din id-direttiva, meta huwa jipprevedi li jressaq talba għad-danni. L-istess għandu japplika fir-rigward tal-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva.

39. Fil-fatt, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma setax ħoloq sistema li fil-kuntest tagħha persuna li tkun ġarrbet dannu kkawżat minn ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tista' tressaq talba għal produzzjoni ta' provi barra minn kwalunkwe azzjoni fuq il-mertu jekk id-dokumenti jkunu jinsabu fil-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni, iżda tista' tressaq tali talba biss fil-kuntest ta' tali azzjoni jekk il-provi ma jkunux jinsabu fiha. Barra minn hekk, il-fatt li tkun awtorità tal-kompetizzjoni li tibda proċedura ma jiġġustifikax tali distinzjoni. Fil-fatt, f'dawn iż-żewġ każijiet, kif jirriżulta mill-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/104, sabiex ikun jista' jitlob il-produzzjoni ta' provi, rikorrent għandu jkun f'pożizzjoni li jissostanzja l-plawżibbiltà tat-talba tiegħu għad-danni.

40. Ngħid ukoll, għall-finijiet ta' kompletezza, li għalkemm għandu ċertament ikun hemm, f'dawn iż-żewġ każijiet, rabta bejn il-provi li l-produzzjoni tagħhom hija mitluba u l-azzjoni prevista minn persuna li tkun ġarrbet dannu kkawżat minn ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, il-provi mitluba għandhom, qabel kollox, ikunu rilevanti.

[13] B'mod partikolari l-verżjoni bil-lingwa Pollakka ("przed sądem krajowym, do którego wpłynęło powództwo ").

[14] B'mod partikolari l-verżjoni bil-lingwa Franċiża.

41. Min-naħa l-oħra, id-Direttiva 2014/104 ma tidhirx li tistabbilixxi r-rabta li għandha, teknikament, teżisti, fuq livell proċedurali, bejn talba għal produzzjoni ta' provi u azzjoni għad-danni (talba għal produzzjoni ta' provi bħala miżura fi proċedura fuq il-mertu, talba eżaminata fil-kuntest ta' proċedura inċidentali jew anki fil-kuntest ta' proċedura separata).

42. Id-Direttiva 2014/104 lanqas ma tiddetermina l-mument li fih il-qorti nazzjonali tiġi adita b'talba għad-danni.

43. Konsegwentement, anki jekk jitqies li d-Direttiva 2014/104 tirrigwarda biss it-talbiet għal produzzjoni ta' provi mressqa fil-kuntest ta' azzjoni għad-danni, jista' jiġi kkunsidrat li, meta talba għad-danni għandha titressaq, taħt piena ta' sanzjonijiet, fi żmien qasir wara t-tressiq ta' talba għal produzzjoni ta' provi li fil-kuntest tagħha tkun ġiet issostanzjata l-plawżibbiltà tat-talba għad-danni, jew, eventwalment, fi żmien qasir wara li din it-talba tkun intlaqgħet, it-talba għal produzzjoni ta' provi titressaq fil-kuntest ta' azzjoni għad-danni u/jew tibda kundizzjonalment tali azzjoni.

c) Diskussjoni fuq interpretazzjoni kuntrarja u argumenti għaċ-ċaħda tagħha

44. Interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/104 li tmur kontra dik ippreżentata fil-punt 38 ta' dawn il-konklużjonijiet tista', *a priori*, tiġi aċċettata.

45. Fil-fatt, wieħed jista' jargumenta li d-Direttiva 2014/104 ma tkoprix, fil-prinċipju, it-talbiet għal produzzjoni ta' provi mressqa qabel il-bidu ta' azzjoni fuq il-mertu. Skont qari f'dan is-sens, l-Artikolu 6(4)(b) ta' din id-direttiva jirreferi biss għall-każijiet fejn il-leġiżlatur nazzjonali jkun iddeċieda li jintroduċi, skont l-Artikolu 5(8) tal-imsemmija direttiva, regoli li jwasslu għal produzzjoni usa' ta' provi u, b'mod iktar preċiż, li jippermettu li tintalab il-produzzjoni ta' provi qabel ma tinbeda azzjoni fuq il-mertu. Sa fejn il-possibbiltà li jiġu introdotti tali regoli tista' tiġi eżerċitata mill-Istati Membri bla ħsara għall-Artikolu 6 tal-istess direttiva, Stat Membru ma jkunx f'pożizzjoni li jawtorizza t-talba għal produzzjoni ta' provi *ex ante*, li tista' tevita l-eżami tal-proporzjonalità tagħhom, sa fejn dan l-eżami jippermetti li jiġi protett l-interess tal-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mill-isfera pubblika.

46. Madankollu, fl-ewwel lok, l-analiżi tax-xogħol preparatorju tad-Direttiva 2014/104 ma tippermettix li tiġi sostnuta tali interpretazzjoni.

47. Fil-proposta għad-Direttiva, filwaqt li rreferiet għar-riżultati tal-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni indikat li "huwa b'sodisfazzjon li l-partijiet li esprimew ruħhom laqgħu l-fatt li l-kumpens huwa stabbilit bħala prinċipju direttur u li l-Kummissjoni, konsegwentement, għażlet li ma tipproponix prattiki paragunabbli għal dawk fis-seħħ fl-Istati Uniti, bħall-[…] komunikazzjoni ta' diversi dokumenti qabel ma jinżamm il-proċess ("pre-trial discovery")"[15]. Minn dan ma jirriżultax li l-produzzjoni ta' provi, taħt stħarriġ ta' qorti nazzjonali, ma tistax isseħħ qabel il-bidu ta' azzjoni fuq il-mertu, meta r-rikorrent ikun f'pożizzjoni li jissostanzja l-plawżibbiltà tat-talba tiegħu għad-danni.

[15] Ara wkoll id-dokument ta' ħidma tad-dipartimenti tal-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet għad-danni minħabba ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni (Commission staff working paper accompanying the White paper on damages actions for breach of the EC antitrust rules [SEC(2008) 404 final], li għalih tagħmel riferiment il-White paper dwar l-azzjonijiet għad-danni minħabba ksur tar-regoli Komunitarji dwar l-akkordji u l-abbużi minn pożizzjoni dominanti. Fil-punt 104 ta' dan id-dokument ta' ħidma, il-Kummissjoni ddikjarat li ma pproponietx b'mod ċar sistema ta' żvelar preliminari għall-proċess wiesa' wisq, li tista' ma tkunx faċilment konsonanti mat-tradizzjoni ġuridika u mal-prinċipji tal-proċedura ċivili tal-Istati Membri u tista' tkun f'kunflitt mal-prinċipji ta' ordni pubbliku ta' ċerti Stati Membri.

48. B'mod jerġa' iktar importanti, skont ix-xogħol preparatorju, is-sentenza Pfleiderer [16] iġġenerat inċertezza kunsiderevoli dwar il-kategoriji ta' dokumenti li jistgħu jiġu żvelati, liema inċertezza d-Direttiva 2014/104 qiegħda tipprova tirrimedja [17]. It-talba għal deċiżjoni preliminari fil-kawża li tat lok għal din is-sentenza toriġina minn proċedura li għandha bħala suġġett talba ta' aċċess sħiħ għall-fajl ta' awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni mressqa għall-finijet tal-preparazzjoni ta' azzjoni għad-danni. Jidher li r-rieda li tiġi rrimedjata din l-inċertezza kkontribwixxiet għall-fatt li din id-direttiva ssemmi l-possibbiltà li tintalab il-produzzjoni ta' provi meta talba għad-danni tkun prevista mhux fil-kuntest tal-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Divulgazzjoni tal-evidenza [provi]", iżda biss fil-kuntest tal-Artikolu 6 tagħha, intitolat "Divulgazzjoni ta' evidenza [provi] inkluża fil-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni" [18].

49. Fit-tieni lok, ir-rabta eżistenti bejn l-Artikolu 5 u l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/104 ma tippermettix li jiġi kkunsidrat li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din it-tieni dispożizzjoni huwa usa' minn dak tal-ewwel waħda. Fil-fatt, minn naħa, l-Artikolu 6 ta' din id-direttiva japplika, "għall-fini tal-azzjonijiet għad-danni", "flimkien mal-Artikolu 5" ta' din tal-aħħar [19]. Min-naħa l-oħra, l-eżami tal-proporzjonalità tat-talba għal produzzjoni tal-provi mill-qrati nazzjonali għandu jitwettaq f'konformità mal-Artikolu 5(3) tal-imsemmija direttiva. Issa, filwaqt li, fil-kuntest tal-Artikolu 6 tal-istess direttiva, il-qrati nazzjonali huma obbligati jieħdu inkunsiderazzjoni l-kwistjoni dwar jekk it-talba hijiex magħmula fil-kuntest ta' azzjoni għad-danni ("il-qrati nazzjonali għandhom, barra minn hekk, jikkunsidraw […]"), din il-kwistjoni tista', jekk ikun il-każ, tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll meta l-eżami tal-proporzjonalità jitwettaq fil-kuntest iżolat tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/104. Il-fatt li l-leġiżlatur irrefera b'mod espliċitu għal din il-kwistjoni fl-Artikolu 6(4)(b) ta' din id-direttiva jindika r-rieda tiegħu li jsaħħaħ ir-rabta li għandha teżisti bejn talba għal produzzjoni ta' provi li jinsabu fil-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni u azzjoni għad-danni.

50. Fit-tielet lok, il-produzzjoni ta' provi qabel il-bidu ta' azzjoni fuq il-mertu tista' xi drabi tkun neċessarja sabiex tkun tista' tiġi stabbilita tali azzjoni. Din il-possibbiltà tikkontribwixxi għall-effett utli tal-Artikoli 101 u 102 TFUE. Minn din il-perspettiva, il-fatt li jitqies li talba għal produzzjoni ta' provi qabel talba għad-danni hija, taħt ċerti kundizzjonijiet, koperta wkoll mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/104 jippermetti li jiġu limitati d-differenzi li jeżistu bejn is-sistemi nazzjonali tal-Istati Membri u l-armonizzazzjoni tar-regoli rilevanti għall-implimentazzjoni effettiva tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni [20].

[16] Sentenza tal-14 ta' Ġunju 2011 (C-360/09, EU:C:2011:389).

[17] Ara l-Commission Staff Working, Document - Impact Assessment Report, Damages actions for breach of the EU antitrust rules Accompanying the proposal for a directive of the European Parliament and of the Council on certain rules governing actions for damages under national law for infringements of the competition law provisions of the Member States and of the European Union [SWD(2013) 203 final], disponibbli biss bl-Ingliż.

[18] F'din il-linja, il-premessa 22 tad-Direttiva 2014/104, li tirrigwarda l-produzzjoni tal-provi li jinsabu fil-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni, tikkonċerna s-sitwazzjoni li fiha rikorrent "[ikollu l-]intenzjoni [li jippreżenta] azzjoni għad-danni". Il-formulazzjoni ta' din il-premessa, invokata fil-punt 37 ta' dawn il-konklużjonijiet insostenn tal-interpretazzjoni difiża hawnhekk, hija ispirata b'mod ċar mis-sentenza tas-6 ta' Ġunju 2013, Donau Chemie et (C-536/11, EU:C:2013:366, punt 33), li, hija stess, tirreferi għas-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2011, Pfleiderer (C-360/09, EU:C:2011:389).

[19] Ara l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2014/104.

[20] Ara, f'dan il-kuntest, it-tielet u r-raba' sentenzi tal-premessa 7 tad-Direttiva 2014/104, li tipprovdi li "[i]d-differenzi jwasslu għal inċertezza fir-rigward tal-kondizzjonijiet li taħthom, il-partijiet li jkunu ġarrbu ħsara jistgħu jeżerċitaw id-dritt għall-kumpens li għandhom skont it-TFUE u jaffettwaw l-effettività sostantiva tat-tali dritt. Billi l-partijiet li ġarrbu l-ħsara ta' spiss jagħżlu l-Istat Membru tagħhom ta' stabbiliment bħala l-forum li fih jitolbu kumpens għad-danni, id-diskrepanzi bejn ir-regoli nazzjonali jwasslu għal kondizzjonijiet mhux indaqs fir-rigward tal-azzjonijiet għad-danni u għalhekk jistgħu jaffettwaw il-kompetizzjoni fis-swieq li fihom jaħdmu dawn il-partijiet li ġarrbu l-ħsara u l-impriżi li wettqu l-ksur". Ara wkoll, f'dan is-sens, il-premessi 8 u 9 ta' din id-direttiva.

51. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ippreżentati fil-punti 38 sa 43 ta' dawn il-konklużjonijiet, għandu jitqies li, mill-inqas f'ċerti każijiet[21], talba għal produzzjoni ta' provi mressqa, teknikament, qabel it-tressiq ta' talba għad-danni tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/104.

2. Fuq l-applikabbiltà tad-Direttiva 2014/104 ratione temporis

52. It-talba għal produzzjoni tal-provi inkwistjoni fil-kawża prinċipali tressqet mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali fil-25 ta' Marzu 2019, wara d-data ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/104, stabbilita għas-27 ta' Diċembru 2016, abbażi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-direttiva fid-dritt Spanjol.

53. Barra minn hekk, kif semmejt fil-punt 8 ta' dawn il-konklużjonijiet, mid-deċiżjoni tad-19 ta' Lulju 2016 jirriżulta li, fir-rigward tal-konvenuti fil-kawża prinċipali, il-ksur ġie stabbilit għall-perijodu bejn is-17 ta' Jannar 1997 u t-18 ta' Jannar 2011, li jippreċedi d-data ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/104.

54. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta għad-domanda dwar jekk id-Direttiva 2014/104 tapplikax *ratione temporis* tista' tinstab fl-Artikolu 22 ta' din id-direttiva.

55. Fil-fatt, skont l-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2014/104, id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-dispożizzjonijiet sostantivi ta' din id-direttiva ma għandhomx japplikaw retroattivament. Madankollu, din ir-regola ma tapplikax għad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-dispożizzjonijiet l-"oħrajn" tal-imsemmija direttiva. Fir-rigward ta' dawn l-aħħar dispożizzjonijiet ta' traspożizzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw biss, skont l-Artikolu 22(2) tal-istess direttiva, li dawn ma japplikawx għal azzjonijiet għad-danni li qorti nazzjonali tkun ġiet adita bihom qabel is-26 ta' Diċembru 2014. Konsegwentement, l-imsemmija dispożizzjonijiet għandhom jiġu applikati fi proċedura mressqa quddiem qorti nazzjonali wara d-data ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/104. Din il-loġika ta' applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet mhux sostantivi ta' din id-direttiva hija tipika, skont id-dritt nazzjonali, għal dispożizzjonijiet proċedurali. Minn dan niddeduċi li r-riferiment għal "miżuri nazzjonali […] minbarra [d-dispożizzjoni sostanzjali]", fis-sens tal-Artikolu 22(2) tal-imsemmija direttiva, jirrigwarda dispożizzjoni proċedurali.

56. Il-qorti tar-rinviju tindika li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija intiża sabiex tinftiehem is-sistema ta' produzzjoni ta' provi rregolata fl-Artikoli 5 sa 8 tad-Direttiva 2014/104 u żviluppata fl-ordinament ġuridiku Spanjol fl-Artikolu 283a tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, "ta' natura proċedurali". Madankollu, għall-finijiet tal-Artikolu 22 ta' din id-direttiva u fid-dawl tan-natura awtonoma tal-kunċetti użati f'din id-dispożizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha twettaq klassifikazzjoni definittiva tan-natura tad-dispożizzjonijiet li jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva.

57. Għalkemm jista' jsir l-argument li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/104 dwar il-produzzjoni ta' provi jagħtu ċerti drittijiet lill-atturi ekonomiċi involuti fl-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, dawn id-drittijiet jistgħu madankollu jiġu eżerċitati biss fil-kuntest ta' proċedura quddiem qorti nazzjonali u jikkonċernaw, essenzjalment, miżuri

[21] B'mod partikolari meta teżisti rabta bejn talba għal produzzjoni ta' provi u talba għad-danni bħal dik stabbilita fid-dritt Spanjol, li tirriżulta b'mod partikolari f'obbligu li titressaq, taħt piena ta' sanzjonijiet, azzjoni għad-danni fi żmien 20 jum. Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 8 ta' dawn il-konklużjonijiet.

proċedurali li jippermettu lil din il-qorti tistabbilixxi l-fatti li l-partijiet fil-proċedura jibbażaw ruħhom fuqhom. L-istess japplika f'dak li jirrigwarda, mill-inqas f'ċerti każijiet, talba għal produzzjoni ta' provi mressqa, teknikament, qabel it-tressiq ta' talba għad-danni [22].

58. Konsegwentement, l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/104 huwa applikabbli, *ratione temporis*, għall-proċedura fil-kawża prinċipali.

C. Fuq il-mertu

1. Il-pożizzjonijiet tal--qorti tar-rinviju u tal-persuni kkonċernati

59. Il-Qorti tar-rinviju tidentifika l-argumenti favur l-interpretazzjoni fis-sens li l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/104 jkopri biss il-provi diġà eżistenti u l-argumenti li jmorru kontra din l-interpretazzjoni.

60. Minn naħa, fir-rigward tal-interpretazzjoni li l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/104 jkopri biss il-provi li diġà jeżistu, hija ssostni, fl-ewwel lok, li din hija kkorroborata mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni u mill-kjarifiki li jinsabu fil-premessa 14 ta' din id-direttiva. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni u din il-premessa jikkonċernaw il-provi fil-pussess tal-konvenut jew ta' terz.

61. Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju ssostni li l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2014/104 jagħmel riferiment għall-produzzjoni ta' ċerti provi jew kategoriji rilevanti ta' provi, limitati abbażi tal-informazzjoni fattwali raġonevolment disponibbli. Il-premessa 16 ta' din id-direttiva tindika li kategorija ta' provi għandha tiġi identifikata b'riferiment, b'mod partikolari, għall-perijodu li matulu d-dokumenti mitluba ġew stabbiliti.

62. Fit-tielet lok, hija tirrileva li d-Direttiva 2014/104 ma tagħmilx riferiment għall-produzzjoni ta' "informazzjoni" iżda għall-produzzjoni ta' "provi".

63. F'din il-linja ta' ħsieb, il-Gvern Olandiż jagħmel riferiment għal diversi premessi tad-Direttiva 2014/104 [23] u għall-proposta għal direttiva [24] sabiex isostni li din id-direttiva tirrigwarda biss il-produzzjoni ta' provi eżistenti jew miżmuma minn parti fil-proċedura jew minn terzi.

[22] Ċertament, ċerti awturi tad-duttrina jqisu li talba għal produzzjoni ta' provi qabel talba għad-danni u interessi ma hijiex ta' natura proċedurali, sa fejn hija tagħti dritt li tintalab il-produzzjoni ta' provi fil-kuntest ta' proċedura iżolata. Ara, b'mod partikolari, Kirst, P., "The temporal scope of the damages directive: a comparative analysis of the applicability of the new rules on competition infringements in Europe", *European Competition Journal*, 2020, Vol. 16, Nru 1, p. 488 u 114. Madankollu, dan l-approċċ, kuntrarjament għal dak li nipproponi fil-punti 38 sa 43 ta' dawn il-konklużjonijiet, jibda mill-premessa li talba għal produzzjoni ta' provi mressqa qabel talba għad-danni ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/104.

[23] Filwaqt li jirreferi, bħall-qorti tar-rinviju, għall-premessa 14 tad-Direttiva 2014/104, li tindika li "[l]-evidenza [provi] meħtieġa biex tiġi ppruvata pretensjoni għad-danni hija ħafna drabi esklużivament f'idejn il-kontroparti jew il-partijiet terzi, u ma tkunx magħrufa biżżejjed mill-attur", il-Gvern Olandiż iżid li, skont il-premessa 28 ta' din id-direttiva, il-qrati nazzjonali għandhom ikunu jistgħu jordnaw f'kull ħin, fil-kuntest ta' azzjoni għad-danni, il-produzzjoni tal-provi "eżistenti" indipendentement mill-proċedura mibdija minn awtorità tal-kompetizzjoni. Barra minn hekk, dan il-gvern jagħmel riferiment għall-premessa 39 tal-imsemmija direttiva, li tindika li l-oneru tal-prova ma għandux ikollu effett fuq il-possibbiltà tal-awtur tal-ksur li juża provi oħra "minbarra [dawk] li [ma humiex] fil-pussess tiegħu, bħall-[provi] diġà akkwistati fil-proċedimenti jew [il-provi] miżmuma minn partijiet oħra jew partijiet terzi".

[24] Il-Gvern Olandiż jirreferi għall-abbozz tad-Direttiva 2014/104, li fih il-Kummissjoni indikat li "hija biss qorti li tista' tordna l-iżvelar ta' provi miżmuma mill-kontroparti jew minn terz, żvelar li n-neċessità, il-portata u l-proporzjonalità tiegħu huma suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju strett u attiv".

64. Il-konvenuti fil-kawża prinċipali huma favur din l-interpretazzjoni għall-istess raġunijiet invokati mill-qorti tar-rinviju. Huma jżidu li l-Artikolu 5(8) tad-Direttiva 2014/104 jippermetti lill-Istati Membri jintroduċu regoli li jwasslu għal produzzjoni usa' ta' provi. Skont il-konvenuti fil-kawża prinċipali, il-leġiżlatur Spanjol ma użax din il-possibbiltà sabiex jawtorizza t-talbiet għal produzzjoni ta' provi ineżistenti.

65. Min-naħa l-oħra, l-argumenti tal-qorti tar-rinviju favur l-interpretazzjoni li l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/104 jirrigwarda wkoll il-provi maħluqa *ex novo* huma bbażati fuq l-interpretazzjoni teleoloġika u l-interpretazzjoni sistematika ta' din id-dispożizzjoni. Fl-ewwel lok, skont dik il-qorti, restrizzjoni tas-sistema ta' produzzjoni ta' provi tista' tikkompromметti d-dritt għal kumpens sħiħ u l-prinċipju ta' effettività. Fit-tieni lok, ir-regoli ta' din id-direttiva fil-qasam tal-ispejjeż u tal-ispejjeż tal-produzzjoni tal-provi, bħala element tal-prinċipju ta' proporzjonalità għall-finijiet tal-eżami ta' talba għal produzzjoni ta' provi, jistgħu jfissru li l-parti li lilha jintalbu provi tkun obbligata twettaq xogħol ta' ħolqien ta' dokument ġdid.

66. Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-Gvern Spanjol u l-Kummissjoni jsostnu, b'mod partikolari għar-raġunijiet identifikati mill-qorti tar-rinviju, din l-interpretazzjoni.

2. Fuq l-interpretazzjoni testwali

67. Essenzjalment, l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/104 jipprovdi, fl-ewwel sentenza tiegħu, li persuna li tallega li ġiet ippreġudikata minn ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tista' titlob il-produzzjoni ta' provi rilevanti li jinsabu fil-pussess tal-konvenut jew ta' terz. Din id-dispożizzjoni tipprevedi, fit-tieni sentenza tagħha, li konvenut għandu jkun jista' jitlob li r-rikorrent jew terz jiġi ordnat jipproduċi provi rilevanti, mingħajr ma tispeċifika li dawn għandhom ikunu provi fil-pussess tagħhom.

68. Il-qari tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/104 jista' jagħti x'jifhem li t-talbiet magħmula mir-rikorrenti, imsemmija fl-ewwel sentenza ta' din id-dispożizzjoni, jikkonċernaw biss il-provi li kienu diġà jeżistu qabel. Fil-fatt, fuq livell letterali, b'mod differenti mit-talbiet tal-konvenuti, imsemmija fit-tieni sentenza, dawk ifformulati mir-rikorrenti jidhru li għandhom jikkonċernaw il-provi li jinsabu fil-pussess ta' persuna oħra.

69. Madankollu, dan il-qari huwa kkontestat mill-premessi 15 u 39 tad-Direttiva 2014/104 u, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Olandiż, bl-ebda mod ma huwa kkorroborat mill-premessi 14 u 28 ta' din id-direttiva.

70. Fil-fatt, fl-ewwel lok, minn naħa, il-premessa 15 tad-Direttiva 2014/104 ma tagħmilx distinzjoni, fir-rigward tal-pussess tal-provi, bejn it-talbiet magħmula minn rikorrent u dawk ifformulati minn konvenut ("l-atturi jkollhom id-dritt li jiksbu d-divulgazzjoni tal-evidenza [provi] li tirrigwarda l-pretensjoni tagħhom, mingħajr ma jkun meħtieġ li jispeċifikaw il-partijiet speċifiċi tal-evidenza [u l-]konvenuti [għandhom ikunu jistgħu] jitolbu għad-divulgazzjoni tal-evidenza"). Min-naħa l-oħra, il-premessa 39 ta' din id-direttiva tistabbilixxi li l-awtur tal-ksur għandu jkollu l-possibbiltà li juża l-provi "miżmuma" minn partijiet oħra jew minn terzi.

71. Fit-tieni lok, il-premessa 39 tad-Direttiva 2014/104 ma hijiex eżawrjenti sa fejn din tagħmel riferiment għal "evidenza [provi] minbarra dik li mhix fil-pussess [tal-awtur tal-ksur], *bħall* -evidenza diġà akkwistati fil-proċedimenti jew l-evidenza miżmuma minn partijiet oħra jew

partijiet terzi"[25]. Fi kwalunkwe każ, ir-riferiment għall-provi miżmuma mill-parti l-oħra jew minn terzi jidhru li jirriżultaw mhux mir-rieda li jiġu limitati l-provi li tista' tintalab il-produzzjoni tagħhom, iżda minn dik ta' tqegħid ħdejn xulxin tal-provi fil-pussess tal-awtur tal-ksur u dawk fil-pussess ta' persuni oħra.

72. Fit-tielet lok, ċertament, il-premessa 14 tad-Direttiva 2014/104 issemmi, fil-kuntest tal-provi neċessarji sabiex tintwera l-fondatezza ta' talba għad-danni, li l-provi huma mhux dejjem iżda "f'każijiet" miżmuma esklużivament mill-kontroparti jew minn terzi. F'dan il-każ, insibu eżempju li sussegwentement jintuża sabiex tiġi esposta l-problema li d-Direttiva 2014/104 tfittex li tirrimedja. Fil-fatt, mill-premessa 14 jirriżulta li rekwiżiti legali stretti li jobbligaw lir-rikorrenti jesponu preċiżament il-fatti kollha tal-kawża fil-bidu tal-istanza u li jipproduċu provi preċiżi ħafna insostenn tat-talba tagħhom jistgħu jipprekludu indebitament l-eżerċizzju effettiv tad-dritt għal kumpens. Fi kwalunkwe każ, din il-premessa tidher pjuttost li timmilita favur risposta fl-affermattiv għal din id-domanda preliminari.

73. Fir-raba' lok, il-premessa 28 tad-Direttiva 2014/104, li tikkonċerna l-Artikolu 6(9) tagħha, tuża l-kliem "evidenza [provi] li teżisti indipendentement mill-proċedimenti ta' awtorità ta' kompetizzjoni" sabiex tirreferi għal provi oħra għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 6(5) u(6) ta' din id-direttiva. Għaldaqstant, ir-riferiment huwa għal kull prova li l-produzzjoni tagħha ma hijiex awtomatikament ipprojbita mill-imsemmija direttiva, bis-saħħa ta' dawn id-dispożizzjonijiet, minħabba l-interess tal-implimentazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni mill-isfera pubblika[26].

74. Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda preliminari, għalhekk ma huwiex biżżejjed li jiġi eżaminat, b'mod iżolat, l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/104 u l-premessi tagħha li jikkonċernaw il-problema li hija s-suġġett ta' din id-dispożizzjoni.

75. Id-direttiva 2014/104 tinkludi diversi definizzjonijiet li għandhom jintużaw sabiex jiġi ddeterminat is-sens tad-dispożizzjonijiet tagħha u, b'mod partikolari dak tal-Artikolu 5(1) tagħha, li jikkonċerna l-produzzjoni ta' provi rilevanti.

76. Ir-rilevanza tal-provi tidher li hija riflessa fl-eżistenza ta' relazzjoni bejn il-prova mitluba u t-talba għad-danni[27], filwaqt li l-kunċett ta' "provi", li l-interpretazzjoni tiegħu hija essenzjali għar-risposta li għandha tingħata għal din id-domanda preliminari, huwa ddefinit fl-Artikolu 2(13) tad-Direttiva 2014/104.

77. Skont din id-definizzjoni, il-kunċett ta' "provi" jirreferi għall-"kull tip ta' mezz ta' prova ammissibbli quddiem il-qorti nazzjonali invokata, partikolarment dokumenti u l-oġġetti l-oħra kollha li jkun jinkludi informazzjoni, irrispettivament mill-mezz fejn l-informazzjoni hija maħżuna". *A priori*, din id-definizzjoni tidher għalhekk li tuża, b'mod interkambjabbli, it-tliet kunċetti ta' "provi", ta' "mezzi ta' prova" u ta' "oġġetti […] li jkun[u] jinklud[u] informazzjoni".

[25] Korsiv huwa miżjud minni.

[26] Għall-istess raġuni, id-definizzjoni tal-kunċett ta' "informazzjoni preeżistenti", li tinsab fil-punt 17 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/104, ma tinkludix indizji utli sabiex tingħata risposta għal din id-domanda preliminari, ħlief dawk dwar l-użu interkambjabbli tal-kunċetti ta' "informazzjoni" u ta' "provi". Ara l-punt 78 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[27] Ara t-tieni sentenza tal-premessa 15 tad-Direttiva 2014/104, li tipprovdi li "[…] billi l-litigazzjoni rigward il-liġi tal-kompetizzjoni hija kkaratterizzata minn asimmetrija tal-informazzjoni, huwa xieraq li jiġi żgurat li l-atturi jkollhom id-dritt li jiksbu d-divulgazzjoni tal-evidenza [provi] *li tirrigwarda l-pretensjoni tagħhom*, mingħajr ma jkun meħtieġ li jispeċifikaw il-partijiet speċifiċi tal-evidenza" (korsiv miżjud minni).

78. Barra minn hekk, id-definizzjoni tal-kunċett ta' "informazzjoni preeżistenti", li tinsab fl-Artikolu 2(17) tad-Direttiva 2014/104, iżżid ma' dawn it-tliet kunċetti interkambjabbli dak ta' "informazzjoni". Fil-fatt, dan il-kunċett huwa ddefinit bħala kull "prova" li teżisti indipendentement mill-proċedura mibdija minn awtorità tal-kompetizzjoni.

79. Il-kunċetti użati fid-Direttiva 2014/104 u d-definizzjoni tagħhom, użati fil-kuntest ta' din id-direttiva b'mod interkambjabbli u inkonsistenti, għalhekk lanqas ma jippermettu li tingħata risposta inekwivoka għal din id-domanda preliminari. Madankollu, fid-dawl tal-fatt li d-Direttiva 2014/104 tidher li tuża l-kunċetti ta' "provi" u ta' "informazzjoni" b'mod interkambjabbli, l-interpretazzjoni testwali ta' din id-direttiva ma tipprekludix, bħala prinċipju, li l-Artikolu 5(1) tagħha, sa fejn din id-dispożizzjoni tikkonċerna l-produzzjoni ta' "evidenza [provi] rilevanti li [jinsabu fil-pussess tal-konvenut jew ta' terz persun]", jiġi interpretat fis-sens li l-imsemmija direttiva tippermetti lill-qrati nazzjonali jordnaw il-produzzjoni ta' dokumenti li l-parti li lilha tkun saret it-talba għall-informazzjoni jkollha toħloq *ex novo*, billi tgħaqqad flimkien jew tikklassifika informazzjoni, tagħrif jew data fil-pussess tagħha. Fi kwalunkwe każ, għall-finijiet tal-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss il-kliem tagħha, iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li hija tagħmel parti minnha.

3. Fuq l-interpretazzjoni sistematika

80. L-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/104, intitolat "Divulgazzjoni ta' evidenza [provi] inkluża fil-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni", jispeċifika, fil-paragrafu 4 tiegħu, li l-qrati nazzjonali għandhom jadottaw ordnijiet ta' produzzjoni ta' informazzjoni, meta jiddeċiedu dwar it-talbiet imressqa mill-partijiet [28].

81. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2014/104, huwa possibbli li tiġi ordnata, bis-saħħa ta' tali ordni, il-produzzjoni ta' kategoriji rilevanti ta' provi.

82. Ċertament, kif tosserva l-qorti tar-rinviju [29], il-premessa 16 tad-Direttiva 2014/104 tindika li tali kategorija rilevanti ta' provi għandha tiġi identifikata b'riferiment għal karatteristiċi komuni tal-elementi li jikkostitwixxuha u ssemmi, f'dan ir-rigward, "iż-żmien li matulu [id-dokumenti li ntalbet il-produzzjoni tagħhom] tfasslu". Din il-premessa tinkludi diversi riferimenti li, fejn xieraq, jistgħu jkunu utli sabiex tiġi identifikata kategorija rilevanti ta' provi, mingħajr madankollu ma tkun eżawrjenti. Barra minn hekk, hija tagħmel riferiment ukoll għas-suġġett jew għall-kontenut tal-elementi li jikkostitwixxu kategorija rilevanti ta' provi. Sabiex tikkonforma ruħha ma' ordni li tirrigwarda kategorija ta' provi identifikata b'dan il-mod, il-persuna kkonċernata minn din l-ordni għandha, bħala prinċipju, twettaq tfittxija ffokata fuq l-informazzjoni mitluba.

[28] Skont l-Artikolu 6(4)(b) tad-Direttiva 2014/104, "[f]il-valutazzjoni, skont l-Artikolu 5(3), tal-proporzjonalità ta' *ordni għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni*, il-qrati nazzjonali għandhom, barra minn hekk, jikkunsidraw dan li ġej […] b) [il-kwistjoni dwar jekk] il-parti li titlob id-divulgazzjoni tkunx qed tagħmel dan b'rabta ma' azzjoni għad-danni quddiem qorti nazzjonali" (korsiv miżjud minni). Barra minn hekk, l-Artikolu 5(7) tad-Direttiva 2014/104 jispeċifika, tal-inqas fil-verżjoni Franċiża, li l-"Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk li mingħandhom tintalab id-divulgazzjoni jingħataw l-opportunità li jinstemgħu qabel qorti nazzjonali *tordna d-divulgazzjoni* skont dan l-Artikolu". Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni tikkonferma li l-kunċetti ta' "provi" u ta' "informazzjoni" jintużaw b'mod interkambjabbli fil-kuntest tad-Direttiva 2014/104. B'mod iktar importanti, hija tikkonferma wkoll li l-qrati nazzjonali li jiddeċiedu dwar it-talbiet għal produzzjoni ta' provi jordnaw il-produzzjoni ta' informazzjoni.

[29] Ara l-punt 61 ta' dawn il-konklużjonijiet.

83. Skont din il-loġika, skont l-Artikolu 5(3)(b) tad-Direttiva 2014/104, fl-eżami tal-proporzjonalità tat-talbiet għal produzzjoni ta' provi, il-qrati nazzjonali huma obbligati li jieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, "l-ambitu u l-ispiża biex issir id-divulgazzjoni, speċjalment għal kwalunkwe parti terza kkonċernata, inkluż l-evitar ta' tiftix mhux speċifiku għal informazzjoni li x'aktarx ma tkunx ta' rilevanza għall-partijiet fil-proċedura". Minn dan jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ħa inkunsiderazzjoni l-fatt li, sabiex persuna tkun tista' tikkonforma ruħha ma' ordni ta' produzzjoni ta' informazzjoni, jista' kultant ikun neċessarju li jitwettqu kompiti li jmorru lil hinn mis-sempliċi komunikazzjoni tal-elementi li jinkludu informazzjoni.

84. Għalhekk tqum il-kwistjoni dwar jekk tali kompiti jistgħux jikkonsistu f'kompilazzjoni jew fi klassifikazzjoni ta' informazzjoni, tagħrif jew data. Fid-dawl tal-fatt li l-interpretazzjoni testwali tad-Direttiva 2014/104, b'mod partikolari minħabba d-differenzi li jeżistu bejn il-verżjonijiet lingwistiċi tagħha [30], ma tippermettix li tingħata risposta għal din id-domanda, u minħabba l-fatt li l-interpretazzjoni sistematika tagħti biss indikazzjoni favur risposta fl-affermattiv għal din id-domanda, hemm lok li issa ndur għall-interpretazzjoni teleoloġika ta' din id-direttiva.

4. Fuq l-interpretazzjoni teleoloġika

85. Kif isostnu r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, l-interpretazzjoni teleoloġika tad-Direttiva 2014/104, li tieħu inkunsiderazzjoni l-għan tagħha, għandha twassal għall-konklużjoni li huwa neċessarju li jiġu applikati b'mod effettiv ir-regoli tal-kompetizzjoni u, għal dan il-għan, li jiġu pprovduti għodod effikaċi lill-partijiet leżi sabiex jiġi bbilanċjat in-nuqqas ta' simetrija tal-informazzjoni. Fil-fatt, din id-direttiva tagħmel riferiment, diversi drabi, għaż-żewġ għanijiet tagħha: l-effettività tal-implimentazzjoni ta' tali regoli mill-isfera privata [31] u l-fatt li jiġi rrimedjat tali nuqqas ta' simetrija [32].

86. Billi jiddeċiedu favur l-approċċ irrakkomandat mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-Gvern Spanjol u l-Kummissjoni jindikaw li l-aċċess għall-informazzjoni utli u awtentika huwa konsistenti man-neċessità li jiġi żgurat l-effett utli tal-Artikoli 101 u 102 TFUE u tad-dritt għal kumpens sħiħ, affermat mill-ġdid fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/104.

87. Barra minn hekk, dawn il-partijiet isostnu li, kif tindika l-premessa 4 tad-Direttiva 2014/104, in-neċessità li wieħed ikollu rimedji proċedurali effettivi tirriżulta wkoll mid-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TFUE u fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

88. Min-naħa l-oħra, il-Gvern Olandiż isostni li l-fatt li parti fil-proċedura jew terzi jiġu obbligati, abbażi tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/104, li jipproduċu provi *de novo* jfixkel il-bilanċ bejn l-interess tar-rikorrent li jikseb l-informazzjoni rilevanti u l-interess tal-persuna li tipproduċi l-informazzjoni.

89. Madankollu, sa fejn tikkonċerna l-produzzjoni tal-provi, id-Direttiva 2014/104 tinkludi mekkaniżmu ta' bbilanċjar tal-interessi inkwistjoni, taħt l-istħarriġ strett tal-qrati nazzjonali, speċjalment fir-rigward tar-rilevanza tal-provi mitluba [33] u tan-neċessità u l-proporzjonalità

[30] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 28 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[31] Ara qabel kollox l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2014/104, li jipprovdi li din id-direttiva tistabbilixxi ċerti regoli neċessarji sabiex jiġi żgurat li kull persuna li tkun ġarrbet dannu kkawżat minn ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tkun tista' teżerċita b'mod effettiv id-dritt tagħha li titlob kumpens sħiħ għal dan id-dannu.

[32] Ara l-premessi 15, 46 u 47 tad-Direttiva 2014/104.

[33] Ara l-punt 76 ta' dawn il-konklużjonijiet.

tal-miżuri dwar il-produzzjoni tagħhom [34]. Għal dan il-għan, l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva jistabbilixxi kriterji dwar l-eżerċizzju ta' dan l-istħarriġ. B'dan il-mod, il-qrati nazzjonali għandhom l-obbligu li jieħdu inkunsiderazzjoni wkoll l-interessi leġittimi [35] u d-drittijiet fundamentali tal-partijiet u ta' terzi [36].

90. Jerġa' iktar importanti mill-perspettiva tal-interpretazzjoni teleoloġika: l-esklużjoni mill-bidu tal-possibbiltà li tintalab il-produzzjoni ta' dokumenti li l-parti li lilha tkun indirizzata t-talba għal informazzjoni għandha toħloq *ex novo* twassal, f'ċerti każijiet, għall-ħolqien ta' ostakoli insormontabbli għall-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni mill-isfera privata. Għalhekk huwa iktar konformi mal-ispirtu tal-għan tad-Direttiva 2014/104, li hija intiża li tirrimedja n-nuqqas ta' simetrija tal-informazzjoni, li tiġi rrikonoxxuta din il-fakultà u li jiġu limitati l-applikazzjonijiet prattiċi tagħha permezz tal-eżami tat-talbiet għal produzzjoni tal-provi, filwaqt li jingħata rwol ċentrali lill-qrati nazzjonali.

91. Barra minn hekk, f'dan il-każ, il-konvenuti fil-kawża prinċipali stess jaċċettaw li jistgħu jintalbu jipprovdu data suffiċjentement preċiża disponibbli fis-sistemi tagħhom, b'osservanza tal-prinċipji ta' neċessità u ta' proporzjonalità, u bi protezzjoni xierqa tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni. Ladarba din l-informazzjoni tiġi żvelata, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali jistgħu jittrattawha bil-mod li huma jqisu xieraq sabiex tissostanzja t-talba tagħhom.

92. Madankollu, huwa possibbli li l-komunikazzjoni ta' bosta dokumenti, li jmur kontra r-rekwiżiti ta' rilevanza, ta' proporzjonalità u ta' neċessità, twassal għal ostakolu proċedurali u, fir-realtà, ma tirrimedjax in-nuqqas ta' simetrija ta' informazzjoni li tikkaratterizza l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mill-isfera privata. Kif isostnu r-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-fatt li jiġu pprovduti dokumenti mhux ipproċessati, possibbilment numerużi ħafna, li ma jikkorrispondux perfettament mat-talba u magħquda flimkien skont il-modalitajiet magħrufa biss mill-awtur tagħhom, jista' jċaħħad *de facto* l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/104 mill-effett prattiku tiegħu. F'tali sitwazzjoni, jista' jkun neċessarju li jinħatar espert sabiex iwettaq ix-xogħol li l-awtur tad-dokumenti seta' jagħmel huwa stess b'inqas sforz u b'inqas spejjeż.

93. Konsegwentement, l-interpretazzjoni teleoloġika tad-Direttiva 2014/104 timmilita favur risposta fl-affermattiv għal din id-domanda preliminari.

5. Konklużjoni intermedja

94. Fid-dawl tal-argumenti esposti hawn fuq, fid-dawl tar-riżultati insodisfaċenti tal-interpretazzjoni testwali u billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-konklużjonijiet inekwivoki li jirriżultaw mill-interpretazzjoni sistematika u mill-interpretazzjoni teleoloġika, l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/104 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-produzzjoni ta' "provi rilevanti", fis-sens tal-ewwel sentenza ta' din id-dispożizzjoni, tkopri wkoll id-dokumenti li l-parti li lilha tkun indirizzata t-talba għal informazzjoni jista' jkollha toħloq *ex novo*, billi tgħaqqad flimkien jew tikklassifika informazzjoni, għarfien jew data fil-pussess tagħha. Il-qrati nazzjonali

[34] Ara l-premessa 16 tad-Direttiva 2014/104.

[35] Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2014/104, meta jiddeterminaw jekk talba għal produzzjoni ta' provi mressqa minn parti hijiex proporzjonata, il-qrati nazzjonali għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi leġittimi tal-partijiet u tat-terzi kkonċernati kollha.

[36] Ara, f'dan is-sens, l-Artikolu 5(7) tad-Direttiva 2014/104, li jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni li lilhom tkun indirizzata talba għal produzzjoni ta' provi jkollhom il-possibbiltà li jinstemgħu qabel ma qorti nazzjonali tordna l-produzzjoni ta' informazzjoni skont dan l-artikolu. Ara wkoll il-premessa 53 ta' din id-direttiva.

għandhom, fi kwalunkwe każ, jillimitaw il-produzzjoni ta' provi għal dak li huwa rilevanti, proporzjonat u neċessarju, billi jieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi leġittimi u d-drittijiet fundamentali ta' din il-parti.

95. F'dan il-kuntest [37], il-qrati nazzjonali jistgħu jieħdu inkunsiderazzjoni, bħala eżempju, il-perijodu li għalih il-produzzjoni ta' provi hija mitluba [38] kif ukoll l-eżistenza ta' alternattivi li jikkonsistu f'tagħqid jew fi klassifikazzjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-parti kkonċernata mill-ordni ta' produzzjoni ta' informazzjoni bl-intervent ta' espert jew tal-parti li tkun talbet il-produzzjoni tagħhom [39].

96. Din l-interpretazzjoni ma hijiex ikkontestata mill-argumenti li fadal ippreżentati mill-konvenuti fil-kawża prinċipali u mill-Gvern Olandiż.

6. Fuq l-argument ibbażat fuq is-setgħat tal-Kummissjoni

97. Il-konvenuti fil-kawża prinċipali jikkonstataw li, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni mill-isfera pubblika, il-Kummissjoni tista' biss titlob lill-entitajiet taħt investigazzjoni sabiex jipprovdu d-dokumenti marbuta ma' din li jkunu fil-pussess tagħhom [40]. F'dan ir-rigward, huma jagħmlu riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll għall-konklużjonijiet fil-kawża HeidelbergCement vs Il-Kummissjoni li fihom l-Avukat Ġenerali Wahl qies li l-kunċett ta' "informazzjoni" ma jistax jiġi estiż tant li l-impriżi jiġu mitluba li jwettqu kompiti li jaqgħu taħt il-kostituzzjoni ta' proċess [41].

98. Jiena nifhem dan l-argument, li permezz tiegħu l-konvenuti fil-kawża prinċipali jidhru li jsostnu li, f'dak li jirrigwarda l-produzzjoni ta' provi, id-drittijiet ta' persuna li tkun ġarrbet dannu kkawżat minn ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni ma jistgħux, bħala prinċipju, ikunu iktar estensivi mis-setgħat li għandha l-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni fuq l-inizjattiva ta' din l-istituzzjoni.

99. Madankollu, fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li dawn is-setgħat tal-Kummissjoni jinkludu setgħat vasti ta' investigazzjoni [42] u li l-impriżi suġġetti għal investigazzjoni huma marbuta b'obbligu ta' kooperazzjoni attiva ma' din l-istituzzjoni.

100. Fit-tieni lok, il-ġurisprudenza li jirreferu għaliha l-konvenuti fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna problema ġuridika differenti minn dik imqajma minn dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari. Fil-fatt, hija kienet tikkonċerna l-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni tistax titlob il-produzzjoni ta' dokumenti li jinsabu fil-pussess ta' impriża li hija s-suġġett ta' investigazzjoni

[37] F'dan ir-rigward, mingħajr ma tifformula domanda dwar l-eżami tal-proporzjonalità, il-qorti tar-rinviju tirrileva li, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi favur interpretazzjoni wiesgħa tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/104, ir-risposta li ser tingħata għad-domanda preliminari tagħha tkun ukoll rilevanti għal dan l-eżami, peress li hija tkun tista' tagħti indikazzjoni dwar il-portata tal-proporzjonalità. Għaldaqstant, jiena nillimita ruħi li nipprovdi eżempji li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, jistgħu jkunu utli għall-qorti tar-rinviju.

[38] F'dan il-każ, l-akkordju li jikkostitwixxi l-fatt li kkawża d-dannu allegat ġie stabbilit mill-Kummissjoni bħala li dam 14-il sena fir-rigward tal-konvenuti fil-kawża prinċipali (mis-17 ta' Jannar 1997 sat-18 ta' Jannar 2011), filwaqt li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali talbu lista ta' prezzijiet għal perijodu ta' 28-il sena (mill-1 ta' Jannar 1990 sat-30 ta' Ġunju 2018).

[39] Ara l-punt 92 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[40] Sentenza tad-29 ta' Ġunju 2006, Il-Kummissjoni vs SGL Carbon (C-301/04 P, EU:C:2006:432, punt 41). Ara wkoll is-sentenza tas-7 ta' Jannar 2004, Aalborg Portland *et* vs Il-Kummissjoni (C-204/00 P, C-205/00 P, C-211/00 P, C-213/00 P, C-217/00 P u C-219/00 P, EU:C:2004:6, punt 61).

[41] Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża HeidelbergCement vs Il-Kummissjoni (C-247/14 P, EU:C:2015:694, punt 106).

[42] Ara l-Artikoli 17 sa 21 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 TFUE] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

anki jekk dawn jistgħu jservu sabiex tiġi stabbilita, kontra din l-impriża, l-eżistenza ta' aġir antikompetittiv. Il-Qorti tal-Ġustizzja rrispondiet fl-affermattiv għal din id-domanda. Ċertament, din ir-risposta hija suġġetta għall-kundizzjoni li l-Kummissjoni ma tistax teżiġi risposti li permezz tagħhom impriża jkollha tammetti l-eżistenza tal-ksur. Madankollu, minn dan ma jistax jiġi dedott li, *a contrario*, fl-ebda każ ma huwa possibbli li tintalab il-produzzjoni ta' dokumenti billi tiġi magħquda flimkien jew ikklassifikata informazzjoni, għarfien jew data fil-pussess tagħha.

101. Fit-tielet lok, fir-rigward tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl li jagħmlu riferiment għalihom il-konvenuti fil-kawża prinċipali, lanqas ma jirriżulta li l-Kummissjoni ma tista', fl-ebda każ, titlob il-produzzjoni ta' tali dokumenti. Fil-fatt, il-problema legali analizzata mill-Avukat Ġenerali kienet tikkonċerna l-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni għandhiex id-dritt li teżiġi li l-impriżi jippreżentaw informazzjoni skont istruzzjonijiet speċifiċi u vinkolanti. Fil-kawża li fiha ġew ippreżentati dawk il-konklużjonijiet, kien qam kuntest speċifiku li, skont l-Avukat Ġenerali, wassal għall-"esternalizzazzjoni" tal-kostituzzjoni tal-proċess lill-impriża taħt investigazzjoni [43]. Issa, anki f'dan il-kuntest, l-Avukat Ġenerali ma eskludiex li l-Kummissjoni tista' teżiġi informazzjoni li din l-impriża kellha tifformalizza [44].

102. Konsegwentement, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/104 fis-sens li din id-dispożizzjoni tkopri wkoll il-provi maħluqa *ex novo* ma tistax tkun limitata minn argument ibbażat fuq il-fehma li s-setgħat tal-Kummissjoni huma iktar ristretti.

7. Fuq l-argument ibbażat fuq is-sistema ta' sanzjonijiet

103. Il-Gvern Olandiż jiddeduċi mill-fatt li l-Artikolu 8(1)(b) tad-Direttiva 2014/104 jipprevedi sanzjoni għall-qerda tal-provi li huma biss il-provi diġà eżistenti li jistgħu jikkostitwixxu provi rilevanti, fis-sens tal-Artikolu 5(1) ta' din id-direttiva.

104. Ma ninsabx konvint minn dan l-argument. Filwaqt li, fil-fatt, ma huwiex possibbli li tinqered prova li ma teżistix, huwa madankollu possibbli li tiġi rrifjutata l-produzzjoni ta' tali prova u, fejn xieraq, li ma tiġix osservata ordni ta' produzzjoni ta' provi li toriġina minn qorti nazzjonali, sitwazzjoni li hija msemmija fl-Artikolu 8(1)(a) tad-Direttiva 2014/104. Għalhekk ma jistax jiġi argumentat li din id-direttiva ma tipprevedix sanzjonijiet fir-rigward tal-provi li għandhom jinħolqu *ex novo* u li minn dan jiġi dedott li tali provi ma jaqgħux taħt l-Artikolu 5(1) tagħha.

105. Bla ħsara għall-osservazzjonijiet addizzjonali preċedenti, dwar l-argumenti żviluppati mill-konvenuti fil-kawża prinċipali u mill-Gvern Olandiż, intenni l-pożizzjoni li jiena ppreżentajt fil-punt 94 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[43] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża HeidelbergCement vs Il-Kummissjoni (C-247/14 P, EU:C:2015:694, punt 122).

[44] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża HeidelbergCement vs Il-Kummissjoni (C-247/14 P, EU:C:2015:694, punt 117).

VI. Konklużjoni

106. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domanda preliminari unika magħmula mill-Juzgado de lo Mercantil nº 7 de Barcelona (il-Qorti Kummerċjali Nru 7 ta' Barcelona, Spanja) kif ġej:

L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2014/104/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li l-produzzjoni ta' "provi rilevanti", fis-sens tal-ewwel sentenza ta' din id-dispożizzjoni, tkopri wkoll id-dokumenti li l-parti li lilha tkun indirizzata t-talba għal informazzjoni jista' jkollha toħloq *ex novo*, billi tgħaqqad flimkien jew tikklassifika informazzjoni, tagħrif jew data fil-pussess tagħha.

Il-qrati nazzjonali għandhom, fi kwalunkwe każ, jillimitaw il-produzzjoni ta' provi għal dak li huwa rilevanti, proporzjonat u neċessarju, billi jieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi leġittimi u d-drittijiet fundamentali ta' din il-parti.